DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2017/1245

tal-10 ta' Lulju 2017

li timplimenta d-Deċiżjoni 2013/255/PESK dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 31(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/255/PESK tal-31 ta' Mejju 2013 dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja ([1]) u b'mod partikolari l-Artikolu 30(1) tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fil-31 ta' Mejju 2013, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2013/255/PESK dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja.

(2) Jenħtieġ li persuna waħda ma tibqax tinżamm fuq il-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet jew korpi soġġetti għal miżuri restrittivi li tinsab fl-Anness I għad-Deċiżjoni 2013/255/PESK ("il-lista").

(3) Jenħtieġ li tiżdied entità waħda mal-lista ta' entitajiet fl-Anness I għad-Deċiżjoni 2013/255/PESK.

(4) Jenħtieġ ukoll li tiġi aġġornata l-informazzjoni relatata ma' persuna waħda li tinsab fl-Anness I għad-Deċiżjoni 2013/255/PESK.

(5) Għalhekk, jenħtieġ li l-Anness I għad-Deċiżjoni 2013/255/PESK jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness I għad-Deċiżjoni 2013/255/PESK huwa emendat kif jinsab fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Lulju 2017.

Għall-Kunsill
Il-President
M. MAASIKAS

([1]) ĠU L 147, 1.6.2013, p. 14.

ANNESS

L-Anness I għad-Deċiżjoni 2013/255/PESK huwa emendat kif ġej:

1. Fil-Parti A ("Persuni"), l-elenkar tal-persuna li ġejja u l-entrata relatata huma mħassra:

"202. Ahmad Barqawi (magħruf ukoll bħala Ahmed Barqawi)".

2. Fil-Parti A ("Persuni"), l-entrata li tikkonċerna l-persuna elenkata hawn taħt hija sostitwita b'dan li ġej:

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
"203.	George Haswani (magħruf ukoll bħala Heswani; Hasawani; Al Hasawani)	Indirizz: Damascus Province, Yabroud, Al Jalaa St, Syria	Negozjant prominenti li jopera fis-Sirja, b'interessi u/jew attivitajiet fis-setturi tal-inġinerija, tal-bini u taż-żejt u l-gass. Għandu interessi fi u/jew għandu influwenza sinifikanti f'għadd ta' kumpaniji u entitajiet fis-Sirja, b'mod partikolari HESCO Engineering and Construction Company, kumpanija ewlenija tal-inġinerija u tal-bini.	7.3.2015"

3. Fil-Parti B ("Entitajiet"), tiżdied l-entrata għall-entità li ġejja:

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
"71	Abdulkarim Group (magħruf ukoll bħala Al Karim for Trade and Industry/Al Karim Group)	5797 Damascus Syria	Abdulkarim Group huwa konglomerat Sirjan rikonoxxut internazzjonalment li huwa assoċjat ma' Wael Abdulkarim, li huwa elenkat bħala negozjant prominenti li jopera fis-Sirja.	11.7.2017"